# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 271/2015**

Il-Pulizija

vs

**Ronald Rotin**

iben Mario, imwieled Pieta', fi-13 ta' April, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 225780(M)

Illum, 4 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ronald Rotin quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fl-24 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx

bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, droga eroina li hija medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija minn qrati differenti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17(h), 31, 33A u 49 tal-Kapitolu 9, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva**.

Fir-rigward tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, il-Qorti ma kkundannatx lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-perit tekniku l-Avukat Dottor Stefano Filletti[1], tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[2] u lanqas tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes[3].

---

[1] Mill-vera kopja tal-process verbal redatt dwar dan il-kaz u esebit fl-atti, jirrizulta illi l-Magistrat Inkwirenti, b'digriet tieghu tal-24 ta' Jannar 2007, kien innomina, fost ohrajn, lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-fatti kollha relevanti ghall-kaz. Imkien mid-digriet ta' din in-nomina jew mill-atti tal-process verbal ma jirrizulta illi l-Magistrat Inkwirenti kien innomina lill-istess perit tekniku sabiex jigbor ix-xhieda bil-gurament. Jirrizulta madankollu mir-relazzjoni tal-perit tekniku illi huwa sema' bil-gurament, ix-xhieda ta' SCO Peter Vella u CO 169 Johan Barbara ossia l-ufficjali tal-habs li ghamlu t-tfittxija fic-cella in kwistjoni. Ghalhekk anke fuq skorta tas-sentenza moghtija

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, ezebiti fl-atti tal-process verbal bin-numru 758/07, redatt mill-Magistrat Dr. Silvio Meli, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Ronald Rotin ipprezentat fit-28 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghar-raguniiet imsemmija, u konsegwentement tikkundanna lill-appellant ghall-piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi, u cioe' ghall-piena nqas mill-minimum stabbilit mill-Ligi,

Filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma kkundannatx lill-appellant sabiex ihallas l-ispejjez konnessi ma' l-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta dwar dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

---

mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amadeo Busuttil** tat-28 ta' Novembru 2013, la darba ma jirrizultax illi l-perit tekniku f'dan il-kaz inghata l-fakulta` li jisma' x-xhieda bil-gurament u stante illi mir-relazzjoni ma jirrizulta xejn izjed hlief li ngabret din ix-xhieda, il-Qorti m'hijiex taddebita l-ispejjez ta' din ir-relazzjoni lill-hati.

[2] Mill-provi mressqa f'dawn il-proceduri, jirrizulta illi waqt li l-prigunier Andy Calleja kien fic-cella tal-imputat, instabet fil-pussess tieghu, sustanza kannella. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jammetti illi l-*foil* mahruq li kien jinsab fic-cella, kien tieghu. Sussegwement meta jerga' jigi mistoqsi dwar l-oggetti relatati mat-tehid tad-droga misjuba fic-cella tieghu, l-imputat iwiegeb "*Nerga' nghid li dawk huma tieghek* [recte: tieghi]" (a fol. 20) u wara jghid illi huwa jabbuza mid-droga billi jahraqha fuq il-*foil.* Minn dan jirrizulta car illi l-*foil* li nstab fic-cella kien tal-imputat. Mill-bqija tal-provi migjuba ma jirrizultax x'instab ezattament fl-istess cella (ghar-ragunijiet moghtija izjed 'il fuq, ix-xhieda migbura mill-Avukat Dottor Stefano Filletti qed tigi skartata) apparti dan il-*foil* u s-sustanza ta' lewn kannella fuq il-prigunier Andy Calleja. Certament illi x-xhieda ta' PS 1257 Conrad Ellul, li ma kienx prezenti waqt it-tfittxija, hija biss *detto del detto.* Ghalkemm fil-mistoqsijiet tieghu waqt l-interrogazzjoni tal-imputat, l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghall-oggetti relatati mat-tehid tad-droga b'mod generali, l-imputat jirreferi ghat-twegiba precedenti tieghu rigwardanti l-*foil* mahruq tant li jghid '*nerga' nghid li dawk huma tieghi*' u ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi apparti l-*foil*, kien hemm xi oggetti ohrajn relatati mal-abbuz tad-droga li wkoll kienu jappartjenu lill-imputat, anki tenut kont tal-fatt li l-imputat instab fic-cella tieghu ma' prigunier iehor. Stante illi mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, jirrizulta illi ma nstabitx droga jew sustanza ohra fuq *swabs* mehuda mill-*aluminium foils*, il-Qorti m'hijiex qeghda taddebita lill-hati bl-ispejjez ta' din ir-relazzjoni. Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Muscat**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Dicembru 2009.

[3] Minn din ir-relazzjoni, jirrizulta illi l-espert zviluppa erba' mpronti digitali fuq zewg bicciet karti. Biss l-ezitu ta' din ir-relazzjoni ma kien tal-ebda relevanza ghall-kaz odjern, anke ghaliex il-Prosekuzzjoni ma talbet fl-ebda hin sabiex dawn l-impronti jigu komparati mal-impronti digitali tal-hati u dan x'aktarx anke in vista tal-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri.

Illi dan il-kaz imur lura ghas-sena 2007 u cioe' tmien snin ilu. Huwa minnu li 1-appellant kellu hajja kemxejn reffrattarja izda minn dakinhar 'l hawn ghadda hafna zmien u illum-il gurnata, hajtu nbidlet ghall-ahjar.

Illi anke l-Ufficjal tal-Probation ikkonfermat dan fir-rapport li pprezentat quddiem l-ewwel Qorti. Illum il gumata l-appellant anke xoghol fiss ghandu u fejn jidhol x-xoghol, ghandu "hajja stabbli" skont l-istess Ufficjal tal-Probation.

Illi l-unika raguni ghalfejn l-Ufficjal tal-Probation issuggeriet illi l-piena ghandha tkun wahda karcerarja hija biss minhabba li f'kazijiet bhal fil-kaz odjem, piena karcerarja hija wahda tassattiva.

Illi l-appellant jifhem illi minhabba l-ammissjoni tieghu, l-ewwel Qorti kellha jdejha marbutin u cioe' li ma setghetx ma tikkundannahx ghal piena karcerarja, izda l-appellant umilment ihoss li l-Qorti setghet tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid is-segwenti: -

"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ghall-Artikolu 492 (meta l-Qorti tista' taghti piena nqas meta l-gurati ma jkunux unanimi), il-Qorti tista', ghal ragunijiet specjali u straodinarji, li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artiklu li jsemmi dak ir-reat jew taht jew taht id-dispotizzjonijiet ta' l-artikolu 20, minghajr hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 7"

Illi f'dan il-kaz, hemm diversi ragunijiet li huma specjali.

1. Illi l-ewwelnett, kif issemma qabel, dan il-kaz imur lura ghal tmien snin ilu, u ghalhekk, l-appellant ser jispicca jbati issa wara dan iz-zmien kollu minhabba d-dewmien tal-kaz, li ghalkemm mhux necessarjament tort tal-Qorti, jibqa' l-fatt li hemm trapass taz-zmien konsiderevoli.

2. Illi kif jirrizulta mir-rapport ta' l-Ufficjal tal-Probation, l-appellant ghaddej hajja stabbli, kif ukoll ghandu xoghol fiss li ilu jhaddan ghal tul ta' snin. Illi issa pero', ser ikollu jieqaf mix-xoghol sabiex jiskonta s-sentenza, bir-riskju li jitlef postu fix-xoghol. Mentri kieku l-ammont tas-sentenza li jrid jiskonta kien izghar, kieku ir-riskju li jitlef ix-xoghol ikun izghar.

Illi jekk jitlef ix-xoghol tieghu, hemm ukoll ic-cans li persuna titlef dak kollu li tkun iggwadanjat matul is-snin biex tbiddel hajjitha.

3. Illi anke ghall-fatt li persuna tkun bidlet hajjitha ghall-ahjar, din l-istess persuna ghandha tkun ppremjata billi tinghata piena nqas milli kieku jinghataw f'kazijiet ohra.

Rigward l-ammissjoni ta' l-appellant.

Illi l-appellant umilment ihoss li ladarba kien qieghed jiehu parir differenti milli kien inghata fl-2011, u kien qieghed jitlob 1i jirtira l-ammissjoni tieghu, huwa kellu jinghata c-cans li jirtira din l-ammissjoni, b'mod specjali meta din l-ammissjoni kienet saret quddiem l-istess Qorti diversament preseduta.

Illi jhoss ukoll li kellu jinghata dan ic-cans peress li meta huwa rregistra l-ammissjoni tieghu, kellu d-dritt li jinghata sentenza dakinhar jew f'dak iz-zmien. Izda mhux hekk gara' .

Illi minkejja li l-appellant kien ammetta fis-sena 2011, huwa nghata sentenza fis-sena 2015.

Illi ghalhekk, minghajr dubju, l-appellant qieghed isofri pregudizzju. Ghaliex? Ghaliex kieku nghata sentenza meta huwa rregistra l-ammissjoni tieghu, kieku diga' skontaha l-piena u issa qieghed ikompli b'hajtu, mhux ghad irid jiskont sitt xhur prigunerija.

Illi din hija raguni ohra valida, fil-fehma ta' l-appellant, ghalfejn kellu jkun applikat l-artiklu 21 tal- Kodici Kriminali. Anzi, l-appellant jikkontendi li din kellha tkun ir-raguni principali.

Illi kif issemmi l-ewwel Qorti, d-droga instabet fie-cella ta' l-appellant, veru, izda nstabet fil-pussess ta' prigunier iehor.

Illi fl-istqarrija tieghu, ghall-liema stqarrija ma nghatax id-dritt li jiehu parir legali, l-appellant ammetta li gieli abbuza mid-droga waqt li kien qieghed gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, izda qatt li ttraffika d-droga fil-Habs.

Illi kien anke ghalhekk li l-appellant biddel il-hsieb rigward l-ammissjoni tieghu, izda ladarba ammetta, il-Qorti ma setghetx hlief issibu hati u tikkundannah ghall-piena karcerarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi wiehed mill-aggravji ta' l-appellant hu l-fatt li hu rrilaxxa stqarrija lill-pulizija li fis-sistema taghna tal-lum ma tistax tigi ammessa bhala prova. Fuq dan il-punt l-appellant ghandu ragun u ma hemmx il-bzonn li jinhela l-hin fuq dan il-punt li gie stabbilit fis-sistema taghna.

Illi ma danakollu l-appellant ammetta l-htija tieghu quddiem l-ewwel Qorti u dan hu fatt assodat li ma jhalli ebda dubju.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti ta' dan l-appell, kif ukoll qrat bir-reqqa s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti u fic-cirkostanzi ma hemm ebda raguni ghall-varjazzjoni ta' l-istess.

Illi dwar il-piena l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-attenwanti kollha tal-kaz u il-piena erogata hi wahda fil-minimu taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Ronald Rotin u tikkonferma s-sentenza appellata.